# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-31 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 223/2018 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**MLB**

**Vs**

**IAZ**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' MLB datat 29 ta' Awwissu 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti, nhar il-Y twieldet il-minuri SZB;*

2. *Illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat u effettivament ir-rikorrenti mill-ewwel hadet hsieb tipprocedi bi proceduri appoziti tirregola l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment tal-minuri;*

3. *Illi jinghad li l-konvenut jippretendi li filwaqt li ghandu d-drittijiet m'ghandu ebda obbligi ghall-minuri u effettivament ilu ma jivversa manteniment sa minn Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017);*

4. *Illi fil-mori tal-medjazzjoni, il-partijiet ppruvaw kemm-il darba jittransigu, madanakollu minhabba intransigenza da parti tal-konvenut, li iktar iva milli le, ghazel li ma jattendix ghas-seduti ta' medjazzjoni; qatt ma intlahaq ftehim;*

5. *Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, datat 12 ta' Gunju 2018 kif estiz ghal tliet xhur b'digriet iehor tas-27 ta' Lulju 2018;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri SZB f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno' ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;*

2. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm taghlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq baziu full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha edukazzjoni tal-istess minuri;*

3. *Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

4. *Tillikwida l-ammont ta' kumpens li l-attur ghandu jhallas lill-esponenti fir-rigward tal-ispejjez ghar-trobbija tal-minuri rapprezentanti manteniment u spejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari minnu mhux imhallsa, minn Ottubru 2017;*

5. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri SZB, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet*

*edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu that kull provvediment xieraq u opportune li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' IAZ datata 23 ta' Jannar 2019, a fol 39 et seqq., li taqra hekk:

1. *Preliminarjament jigi sottomess illi l-esponenti jikkonferma li mir-relazzjoni li kellhu mal-attrici nhar il-Y, twieldet il-minuri SZB;*

2. *Kuntrarjament ghal dak li sosstni ir-rikorrenti, l-esponenti jifhem rwol, l-obbligi u responsabiltajiet tieghu f'dak li jirrigwarda l-minuri;*

3. *L-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda u dan billi ma jezistux il-massimi sabiex l-esponenti jigi mcahhad mill-kura u kustodja tal-minuri;*

4. *Fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti, l-esponenti jaqbel illi huwa ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri u dan skont il-mezzi tieghu u l-bzonnijiet tal-istess minuri;*

5. *Fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti, din ghandha tigi michuda stante li ma jirrizultawx ragunijiet suffucjenti sabiex il-manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju tieghu;*

6. *Salv eccezzjonijiet ohra talvolta mehtiega u permessi mil-Ligi.*

Rat id-Dikjarazzjoni ta' IAZ, passaport numru X, a fol 40 bil-gurament tieghu jiddikjara illi:

1. *Dwar l-ewwel eccezzjoni, preliminarjament jigi sottomess illi l-esponenti jikkonferma li mir-relazzjoni li kellhu mal-attrici nhar il-Y, twieldet il-minuri SZB;*

2. *Dwar it-tieni eccezzjoni, kuntrarjament ghal dak li sosstni ir-rikorrenti, l-esponenti jifhem rwol, l-obbligi u responsabilitajiet tieghu f'dak li jirrigwarda*

*l-minuri;*

3. *Dwar it-tielet eccezzjoni, l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda u dan billi ma jezistux il-massimi sabiex l-esponenti jigi mcahhad mill-kura u kustodja tal-minuri;*

4. *Dwar ir-raba eccezzjoni, fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti, l-esponenti jaqbel illi huwa ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri u dan skont il-mezzi tieghu u l-bzonnijiet tal-istess minuri;*

5. *Dwar il-hames eccezzjoni, fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti, din ghadnha tigi michuda stante li ma jirrizultwx ragunijiet suffucjenti sabiex il-manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju tieghu;*

6. *L-intimat jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti b'riserva illi l-intimat iressaq talba ghal eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz u b'riserva ghal kwalunkwe eccezzjoni spettanti lill-intimat. L-attrici tinsab minn issa ingunta in subizzjoni.*

Rat il-kontro-talba ta' IAZ, passaport numru X, a fol 42, et seqq., li taqra hekk:

1. *Il-partijiet kellhom relazzjoni minn liema relazzjoni nhar il-Y twieldet il-minuri SZB, liema relazzjoni sfaxxat;*

2. *Fil-mori tal-medjazzjoni il-partijiet pruvaw kemm-il darba jittransigu madanakollu MLB ghamlitha impossibbli li jintlahaq ftheim ghalkemm il-medjatrici hadmet qatiegh.*

3. *Illi MLB qieghda taghmilha difficli ghall-esponenti sabiex jezercita d-drittijiet u r-responsabilitajiet bhala missier tal-minuri;*

4. *Illi l-esponenti jixtieq li l-partijiet ikunu involuti b'mod ugwali fit-trobbija ta' binthom minuri anke jekk ir-relazzjoni taghhom bhala koppja intemmet;*

5. *Illi l-esponenti qed jipprevalixxi ruhu mill-fakolta lili moghtija u jressaq din il-*

*kontro-talba ghat-talbiet attrici skont il-ligi;*

6. *Illi l-fatti hawn dikjarati jafhom personalment.*

*Ghaldaqstant l-intimat rikonvenjonat permezz ta' din il-kontro-talba umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tafda u tikkonferma li l-kura u l-kustodja tal-minuri SZB b'mod kongunt bejn il-partijiet;*

2. *Tistabillixi access liberu u ampju ghall-minuri.*

*Bl-ispejjez kontra MLB li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' MLB datata 31 ta' Jannar 2019, a fol 47 (tal-process 223/2018/2), li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari jigi sottomess illi r-risposta guramentata u l-kontro-talba intavolati minn IAZ gew prezentati fuori terminu u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi dikjarat kontumaci;*

2. *Illi konsegwentement, la huwa kontumacji, il-konvenut ma seta' qatt jintavola l-kontro-talba tieghu u ghalhekk l-esponenti tissottometti illi l-ostess risposta guramentata u l-kontro-talba ghandhom jigu sfilzati mill-atti tal-kawza;*

3. *Illi b'zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar il-mertu jinghad illi l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet ivvintati mill-intimat rikonvenjonant huma ghal kollox foloz u qarrieqa u intizi biss biexx jisgwidaw lil din l-Onorabbli Qorti;*

4. *Illi kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, il-konvenut rikonvenzjonant rarament attenda ghas-seduti ta' medjazzjoni u ghazel li jinjora kull korrispondenza lilu bit-tama li jintlahaq ftehim amikevoli dar il-minuri SZB, u konsegwentement l-esponenti kellha tintavola l-proceduri odjerni.*

5. *Illi kif diga inghad, wara li r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti sfaxxat fix-xejn,*

*l-esponenti mill-ewwel hadet hsieb tipprocedi bi proceduri appoziti biex tirregola l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment tal-minuri;*

6. *Illi jinghad li l-konvenut jippretendi li filwaqt li ghandu d-drittijiet m'ghandu ebda obbligi ghall-minuri u effettivament ilu ma jivversa manteniment sa minn Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017);*

7. *Illi fid-dawl tas-suespost, u filwaqt li l-esponenti terga' tirribadixxi li l-kontro-talba ma setghet qatt titressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti stante li l-konvenut huwa kontumaci, l-esponenti topponi ghat-talbiet kollha hekk kif esposti fir-rikors guramentat, u dana a bazi tas-segwenti:*

*i.* *Illi l-esponenti qed topponi ghall-ewwel talba, li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn il-partijiet b'mod kongunt. Kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, il-partijiet m'ghandhomx relazzjoni tajba bejniethom u effettivament ftit li xejn jitkellmu anke ghaliex il-konvenut rikonvenzjonant spiss jgheb fix-xejn minghajr ma jaghti informazzjoni lill-esponenti. Kif ben tghallimna dil-Onorabbli Qorti, fejn id-differenzi tal-partijiet ikunu irrikonciljabbli, tant li ma jaqblu dwar xejn, il-kura u kustodja ta' minuri dejjem tigi vestita f'idejn parti wahda jew ohra. F'dan ir-rigward l-esponenti tirrileva illi l-minuri dejjem ghexet maghha u kienet dejjem hi li kellha l-kura primarja tat-tifla.*

*ii.* *Illi l-esponenti ma topponix ghat-tieni talba li l-konvenut rikonvenzjonant jigi ordnat jivversa manteniment ghall-htigijiet ta' bintu, u dan flimkien ma sehemu mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet-extra kurrikulari, kif ukoll arretrati ta' manteniment, u spejjez ghat-trobbija tal-minuri rapprezentanti manteniment u spejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, minnu mhux imhallsa, minn Ottubru 2017.*

*iii.* *Illi l-esponenti ma topponix ghat-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant limitatament ghall-fatt li huwa jkollu access lejn il-minuri, jekk l-interess tal-istess minuri hekk jiddetta. Madanakollu l-esponenti tissottometti, illi l-istess access ghandu jigi ezercitat fi hdan l-Agenzija Appogg tenut kont tal-hbiberija li l-konvenut ghandu ma nies censurati mill-Pulizija u/jew il-Qrati u anke kont ta' proceduri kriminali li huwa ghandu pendenti quddiem il-Qrati Kriminali.*

iv. *Illi finalment, l-esponenti qed topponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerniu u dana anke fid-dawl tal-fatt, illi kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, il-partijiet ma waslux ghall-ftehim minhabba pika inutli da parti tal-konvenut.*

*Salv eccwzzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut rikonvenzjonant li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat id-digriet taghha datat 20 ta' Mejju 2018, a fol 44 tal-process 223/2018;

Rat id-digriet taghha datat 31 ta' Jannar 2019, a fol 30 tal-process 223/2018/2;

Rat id-digriet taghha datat 13 ta' Marzu 2019, a fol 48 tal-process 223/2018/2, li permezz tieghu x-xhieda kollha fil-kawzi 223/2018 u 223/2018/2 japplikaw ghaz-zewg kawzi li qed jinstemghu kontestwalment;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet nhar il-31 ta' Jannar 2019** ***(vide fol 38 process 223/2018/2)*** u spjegat illi hija kellha relazzjoni mal-intimat u li min din ir-relazzjoni twieldet tifla, SZB li ghandha madwar seba snin. Tixhed illi meta twieldet il-minuri, huma kienu ghadhom flimkien u l-intimat kien jghix maghha, izda dejjem kienet hi li kienet tiehu hsieb l-ispejjes tal-hajja ghaliex l-intimat ma kienx igib flus mieghu id-dar. Ghalkemm hija dejjem hadet hsiebu u qatt ma talbitu flus ghall-ispejjes tal-hajja, jekk ghadda hames pagamenti ghall-manteniment tal-minuri, ghadda hafna, u dana stante li hi dejjem rabbiet lit-tifla wahedha. Tispjega illi apparti SZB ghandha tifla ohra b'dizabilita. Izzid illi llum il-gurnata bint il-partijiet tattendi skola tal-Gvern, gewwa l-Kullegg ta' Sant Ignazju gewwa Haz-Zebbug u r-relazzjoni mal-intimat ilha li ntemmet ormai xi erba' snin.

Rigward access, l-attrici tirrileva illi ghalkemm gieli ppruvat tiftiehem mal-intimat, izda meta kien johodha jew kien johodha lura qabel il-hin miftiehem, jew jitfi l-mobile, jew kien johodha ma' hbieb irgiel tieghu, bla ebda rispett ghall-hinijiet. Rigward hlas ta' manteniment, fl-okkazzjonijiet rari li kienet titolbu ghall-manteniment, l-attrici tirrileva illi kienet titolbu biss meta kienet tkun darha mal-hajt. Mill-bqija dejjem wahedha ppruvat tghajjex lit-itfla independentement minnu stante li m kien affidabbli. Meta kienet titolbu kien jaghtiha hamsin ewro u filfatt hi ma kinitx titolbu hafna, tant li kienet tghidlu mqar hamsin ewro. L-attrici sostniet li l-intimat kien ilu ma jghaddi manteniment ghal ʻl fuq minn sena u tliet xhur.

In **kontro-ezami** tikkonferma illi hija tahdem ma' *Darmanin Footwear,* illi pero l-introjtu taghha ivarja skond in-numru ta' gimghat u skond l-overtime. Tispjega illi fir-rigward tal-prospett li hija hejjiet, qaghdet attenta hafna fic-cifri indikati, u kkonfermat bil-gurament l-ammonti indikat minnha. L-attrici izzid illi hija tista tghaddi l-kontijiet kollha. Tikkonferma illi l-intimat kien ghaddilha somma ta' elf ewro biex jghinha. L-attrici kkonfermat ukoll li fis-sentejn li l-intimat kien il-habs, kienet tohodlu l-ikel kuljum. Xehdet ukoll li halsitlu l-kera fl-ammont ta' erba mitt ewro biex itemm il-kirja, u di piu' kienet kompliet thallaslu l-karozza li kien xtara karozza. Illi tul it-tmien snin li ghamel jghix maghha, kienet thallas l-ispejjes kollha tal-familja.

Rigward l-elf ewro li kien taha, tispjega illi dak iz-zmien ma kinitx tahdem u ppruvat taghmel xi xoghol mid-dar peress li t-tfal kienu ghadhom zghar. Tixhed illi kienet tahdem affarijiet tal-helu, bhal cone bags, u affarijiet tal-parties. Illi pero l-attrici tirrileva illi kien ghaddielha **sitt mitt ewro u mhux elf ewro.**

**L-intimat xehed nhar il-31 ta' Jannar 2019** ***(vide fol 32 et seq)*** u spjega illi huwa jahdem fuq il-madum u ilu hawn Malta mis-sena 2004. Illi mill-2004 l'hawn kien hemm zmien fejn kien jahdem u zmien fejn ma kienx jahdem u dana peress li ghamel perjodu jahdem ghar-rasu u perjodi ohra fejn kien jahdem man-nies. Jixhed illi l-introjtu tieghu kien bejn seba' u disa' mitt ewro fix-xahar u li bhala spejjes huwa ghandu mitejn u hamsin (250) ewro kera.

In k**ontro-ezami** ix-xhud jindika illi huwa mhuwiex registrat ghax-xoghol u li l-bicca l-kbira meta hadem man-nies, dawn kienu Gharab. Ikkonferma li gieli anke hadem ma kuntratturi Maltin. Jixhed ukoll illi gieli hadem fid-djar tan-nies, fosthom familja gewwa Haz-Zebbug stess fejn tirrisjedi l-attrici, fejn kien ghamillhom il-kmamar tal-banju u kien thallas bil-metru u cioe circa

erbatax jew hmistax il-ewro ghal kull pied kwadru. Illi din il-kamra tal-banju kienet haditlu bejn wiehed u iehor minn tlett ijiem sa gimgha stante li huwa jahdem wahdu.

**PS 610 Mark Anthony Spiteri, stazzjonat l-Ghassa ta' Hal Qormi, xehed nhar it-12 ta' Lulju 2019** *(a fol 52)* u esebixxa sitt rapporti li gew immarkati bhala Dok MAS1 sa MAS 6.

**Stephen Cahia rapprezentant ta' Transport Malta xehed nhar it-12 ta' Lulju 2019** *(a fol 54 et seq)* u pprezenta Dok SC1 rigward vettura li hija registrata fuq l-attrici li ggib in-numru ta' Registrazzjoni IBN 558 tal-ghamla Toyota Belta. Ix-xhud prezenta wkoll Dok SC2 rigward vetturi li kienu fil-passat registrati fuq l-attrici, u Dok SC3 li juri li ma nstabu l-ebda vetturi registrati fuq l-intimat.

**Ivan Cilia rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta Socjali xehed nhar it- 12 ta' Lulju 2019** *(a fol 56 et seq.)* u spjega illi ma nstabet l-ebda informazzjoni fuq l-intimat. Fir-rigward tal-attrici ix-xhud spjega illi l-attrici ghadha qieghda tiehu ghajnuna tal-qaghad imma *tapered* ghall-persuni li jkunu jahdmu u jibqghu jiehdu 35%. Illi sal-2017 kienet tiehu beneficcju stante li kienet *a single unmarried parent*, liema beneficcju waqaf kif bdiet tahdem u minflok bdiet tiehu tat-*tapering,* u tippercepixxi ukoll ic-*children's allowance*. Ix-xhud prezenta id-dokumenti DOK IC1 u Dok IC2 li juru dak li spjega fit-testimonjanza tieghu.

**Joseph Saliba, rapprezentant tal-Jobs Plus, xehed nhar it-12 ta' Lulju 2019** *(a fol 58),* u spjega illi ma nstabu l-ebda records fuq l-intimat, izda esebixxa Dok JS 1 li jindika l-*employment history* tal-attrici.

**Joyce Agius xehdet nhar il-25 ta' Novembru 2019** (vide fol 56) u ppresentat dokument JA1.

**L-attrici xehdet ukoll permezz ta' affidavit** (vide fol 57 et seq) fejn spjegat illi hija iltaqghat mal-intimat meta kellha hmistax- il sena u kienu ghamlu sentejn johorgu flimkien. Illi sussgewentement hu spicca dahal il-habs u dan wassal biex infirdu. Dak iz-zmien ommha kienet tmur tarah il-habs u anke kienet tohodlu l-ikel u l-hwejjeg. Illi filfatt kien bis-sahha tal-*pledge* li hadet ommha li l-intimat hareg mill-habs qabel iz-zmien, u kif hareg minn hemm mar joqghod maghhom. Illi sakemm l-intimat kien ghadu l-habs, l-attrici tixhed illi hija kellha relazzjoni ma ragel iehor u minn din ir-relazzjoni twieldet il minuri Keona. Kif l-intimat hareg mill-habs huwa dejjem kienu qisu missier ghal Keona, u wara xi ftit zmien li kien ilu jghix maghhom, iddecidew li jergghu jippruvaw ikollhom relazzjoni u kienu damu madwar erba snin, u minn din ir-relazzjoni

twieldet SZB.

Tirrileva illi bhala xoghol, hi taf li l-intimat kien jaghmel xoghol ta’ madum u tikhil, pero r-rikorrent qatt ma kienet taf kemm filfatt qed jaqla’ flus l-intimat ghax ma kienx itiha din l-informazzjoni. Di piu’ rari kien jaghti xi haga minnhom lit-tifla. L-unika dhul li hija kellha kien ta’ tlett mitt euro (300€) fix-xahar li kienet tiehu bhala beneficcji peress li ma kienitx tahdem, u b’dan l-ammont kienu jghixu hi, l-intimat u t-tfal. Tixhed illi kienet titolbu l-flus meta kienet tigi darha mal-hajt.

Izzid illi l-intimat qatt ma kellu sens ta’ responsabbilita’ ta’ familja. Ta’ sikwiet kien johrog ma shabu u jitfi l-mobile, b’dana illi hi ma kienitx tkun taf fejn qieghed, kemm ser idum u kienet tinkwieta illi jekk ha jigri xi haga lit-tifla mhux ser ikollha mezz kif tikkuntatjah. Kien hemm ukoll zmien fejn bdew imorru nies ihabtulhom id-dar jistaqsu ghalih ghaliex kellu jaghtihom xi flus, izda hi ma kienx ikollha idea tal-affarijiet li kien qieghed jaghmel mill-bieb il-barra. Di piu’, kienet inhasdet meta saret taf li kellu d-dejn man-nies. Filfatt l-intimat kien kisser is-sim cards biex dawn in-nies ma jaqbduhx fuq il-mobile.

Il-flus dejjem kienu problema, u ghalkemm kien xtralha karozza, ma kienx felah ihallas il-pagamenti ta’ kull xahar u spiccat thallashom hi. Izda meta marret biex thallas l-ahhar pagament, sabet illi kellha thallas kont iehor ta’ interessi li kienu akkumulaw fuq il-pagamenti li kien dam biex ihallas l-intimat. Tixhed illi kellhom ukoll kunflitt fuq ir-religjon tal-minuri SZB, u dana stante li filwaqt li l-attrici xtaqet li titrabba bhala kattolika, hu xtaq li tkun musulmana. Filfatt kien irrifjuta li titghammed. Ghalkemm illum il-minuri tattendi l-muzew u titghallem ir-religjon fil-klassi, l-intimat ma ffirmax biex taghmel il-precett u pprefera li tibqa’ minghajr religjoni milli tkun kattolika prattikanti. Xehdet illi darba kien qal li jekk jaraha trod is-salib, kien ser jichad li hija bintu. Meta gieli iggieldu kien hemm drabi fejn kien jheddidha li ser jiehu lit-tifla izda kien hemm drabi ohra fejn qalilha li hu ma jinteressahx mit-tifla u li tista’ tohodha hi. Ta’ spiss kien jaghmel xenati fil-pubbliku u tul ix-xahar tar-Ramadan kien jaghmel nofs t’ nhar ta’ filghodu rieqed u filghaxija kien imur jiltaqa’ ma shabu u jieklu kemm jifilhu ikel.

Meta ddecidiet li tinterompi r-relazzjoni, il-minuri kellha madwar tlieta jew erba snin u dana peress li mieghu bdiet thossha li qed tibni futur fuq ir-ramel. Kien komdu jghix ghand ommha tant li meta kienet tghidlu biex forsi jiehdu xi loan biex jixtru post taghhom, kien jghidilha li dan kien kontra r-religjon tieghu. Kif infirdu, l-intimat beda jaqla hafna aktar glied biex sempliciment jimpika. Ghalkemm hija dejjem hallietu jaraha lit-tifla, gieli kienu jghaddu xhur sakemm ma kien

icempilha jew jmur jaraha u dan halla impatt ikrah fuq it-tifla. Kien hemm anke okkazzjonijiet fejn kien qieghed isegwiha u darba anke ghamilha xenata f'kafetterija l-Imsida u filfatt kienet anke ghamlet rapport l-ghassa fuq l-akakdut. Minhabba dan il-glied kollu l-attrici tixhed illi spiccat tbati bl-anzjeta u *panic attacks.*

Rigward access tispjega illi qatt ma jkun irid li jippjanaw minn qabel u jigi biss meta jkollu aptit hu, tant li gieli jkun ghadda l-hin tal-access u tkun ghadha ma semghatx minghandu. Tirrileva ukoll illi waqt l-access mat-tifla, kien jkun hemm ukoll shabu irgiel prezenti. Meta l-minuri tkun mieghu, tispicca tiekol hafna *fast food* jew meta gieli tiekol mid-dar tal-intimat, hafna drabi l-ikel ma kien joghgobha u tibqa' ma tiekolx sew.

Minhabba tali agir da parti tal-intimat, l-attrici tishaq illi m'ghandux ikun hemm sleepover ghand l-intimat, u dana stante li anke meta kienu ghadhom flimkien u l-attrici kienet thalli lill-minuri ftit tal-hin mieghu, hu kien jispicca aljenat jilghab bil-*playstation* u lill-minuri ma kienx jibqa' jaghti kasha. L-attrici xehdet li ma tixtieqx li l-minuri tkun esposta ghall-hbieb tal-intimat li lanqas lilu ma jaghmlulu gid. Illi zzid ukoll illi hija taf li jekk il-minuri tmur ghall-sleepover, ser tithalla ma' terzi persuni u mhux ser tkun mal-intimat il-hin kollu.

Rigward access fi granet partikolari bhal birthday tal-minuri, l-attrici tirrileva illi hija m'ghandhiex diffikulta li l-minuri tqatta' nofs il-gurnata ma genitur minnhom u l-bqija mal-iehor, u l-istess ghandu jkun fi granet ta' festi fejn ghandu jkun hemm access b'mod alternattiv.

L-attrici tixhed illi l-intimat zzewweg u taf dan ghaliex kienet cemplitilha l-mara tieghu u dan wara li hi u l-intimat kienu ftehmu illi fejn tidhol il-minuri ma kienux ser jinvolvu terzi persuni. Izda fil-verita' ma kienx gara xejn minn dan u kien inqala l-glied u dana wara li darba minnhom waqt argument li hija kellha fuq il-mobile mal-intimat, mart l-intimat hadet il-mobile minghand l-intimat u bdiet titkellem hi ghalih. Illi sussegwentement mart l-intimat spiccat marret thabbtilha mal-bieb tad-dar f'xi l-ghaxra ta' bil-lejl. L-attrici sostniet li sabiex tevita dizgwit kienet nizlet tiftahilha oht l-attrici u irnexxilha tikkalma lill-mart l-intimat wara xi hin. Illi sussegwentement l-attrici tixhed illi kienet kelmitha u skuzat ruhha ta' dak li kienet qaltilha fuq it-telephone u s'issa ma regax kien hemm problemi. L-attrici tishaq illi kemm ilu ma' martu, l-intimat inbidel u meta jkollhom lill-minuri maghhom, jippruvaw jixtruha bil-gugarelli, b'dana illi huwa car fil-fehma tal-attrici, li qeghdin jilghabu bis-sentimenti tat-tifla.

**MB, omm l-attrici xehdet permezz ta affidavit** *(fol 65 et seq)* u spjegat illi hija kienet involuta

hafna fil-hajja ta' bintha u l-intimat. Ghalkemm ir-relazzjoni ta' bintha u l-intimat kienet spiccat meta kien il-habs, hija xorta wahda kienet baqghet tmur tarah ghaliex kienet tithassru peress li huwa ma kellux familja u kull darba li tmur kienet tohodlu l-ikel ghal gimgha shiha u anke hwejjeg nodfa. Tant kienet thassritu li kienet ghamlet pledge ta' Eur 25,000 biex johrog qabel mill-habs, b'dana illi hija kienet dahlet responsabbli ghalih. Hi kienet qaltlu biex iweghda illi ser jibdel hajtu u jibda jibniha lura mill-gdid u dana wara li kien ghamilha ma' kumpanija ta' nies hziena u kien kuginuh stess li tradieh ghaliex kien seraqlu l-vann. Bil-kliem dejjem kien juriha rispett u filfatt kien jghajjtilha "ma" sa ma telaq mid-dar.

Numru ta' snin wara kienet iddecidiet li ma tibqa igorr din ir-responsabbilita u hadet il-passi legali necessarji, izda l-intimat kien hadha bi kbira hafna tant li b'arroganza kbira kien qalilha li ma jinterssahx minnha, u filwaqt li jibqa jafulha dak li ghamlet mieghu, ma kienx ghadu jinteressah minnhom.

Wara ftit li hareg mill-habs, hu u l-attrici kienu regghu ddecidew li jiehdu cans iegor u jkompli bir-relazzjoni taghhom, izda l-problemi kibru meta kellhom it-tifla. Il-glied, l-aktar li kien jinqala' kien dak li jikkoncerna l-paga tieghu li dejjem baqghet mistura ghaliex ghalkemm kien jahdem sighat twal, hadd mill-familja qatt ma kien jara centezmu. Darba minnhom ghalkemm lill-attrici kien taghha EUR 300, wara ftit granet kien talabhomla lura. Minn naha l-ohra, tirrileva illi l-attrici dejjem ghamlet minn kollox ghall-familja, u kienet isajjarlu u thallilu l-ikel lest u ttih l-ahjar, tant li gieli lanqas biss kielet hi stess halli hu jsib xi haga lesta. Xehdet illi hu kienu jidhol id-dar tard u jghidilha li ma jridx jiekol ghaliex kien ikun kiel minn barra. Di piu', kien jispicca iqatta hafna mill-hin tieghu fuq il-mobile ghaliex qatt ma kienu jiefqu jcemplulu.

Tispjega illi huma kienux jafu x'tip ta' persuna huwa l-intimat mill-bieb il-barra u dana peress li filwaqt li d-dar kien jidher bniedem gentili u innocenti, meta bdew imorru ihabbtu ghandhom in-nies jistaqsu ghalih ghaliex l-intimat kien jafhom il-flus, indunaw li dak li kienu jahsbu fuqu ma kienx minnu. Illi filfatt kienet wissietu li ma tridx li jkun hemm aktar nies jigu jhabbtulha l-bieb ghalih. Tixhed ukoll illi l-karozza li kien 'xtara ghall-attrici', kienet spiccat thallasha l-attrici. Di piu' meta marret biex thallas l-ahhar pagament, saret taf illi kien hemm xi interessi li kienu akkumulaw fuq il-pagamenti li hallas tard l-intimat, liema interessi spiccat biex ghamlet tajjeb ghalihom ix-xhud.

Tirrakonta illi kien hemm zmien fejn bdiet tipprova thajjru biex jibdew jahsbu ghall-post ghal-rashom, izda hu kien irrifjuta ghaliex kien jghidilhom li kien kontra r-religjon tieghu li jixtru post

b'loan. Izzid illi kien ihobb jaqla l-glied mal-attrici u anke gieli heddidha li ser jiehu lit-tifla. Apparti dan kollu, kien ukoll irresponsabbli, ghaliex anke sempliciment tirkeb mieghu l-minuri fil-karozza, kien ihalliha tohrog idejha barra mit-tieqa filwaqt li hu jsuq bl-adocc u infatti habat diversi drabi bil-karozza. Filfatt ix-xhud tixhed illi kien jaqbadha certu biza meta tara lill-minuri sejra ghall-access mieghu bil-karozza. Tishaq illi dan l-ahhar kien qieghed jixtrilha hafna affarijiet li tkun trid u dana qieghed isir kull gimgha. Ghall-access, l-intimat jigi tard ghat-tifla u jghidilhom li jkun iridha tiekol mieghu, b'dana pero illi meta jigi xi siegha tard il-minuri tispicca tkun bil-guh.

Ix-xhud tispjega illi hija ndunat bl-inaffidabilita' tal-intimat meta giet bzonn xi xoghlijiet fid-dar taghha u wara li l-intimat qalilha biex ma tqabbad lil hadd ghaliex huwa kien lesta li jiehu hsieb jaghmel dawn ix-xoghlijiet hu. Ghalkemm kien thallas mix-xhud, ix-xoghol qatt ma tlesta. Illi waqt ir-Ramadan, kien jorqod gurnata shiha u jqum biss meta tinzel ix-xemx, fejn kien jitlaq il-barra biex imur jiekol ma' shabu. Tishaq illi l-intimat dejjem baqa bil-mentalita' ta' guvni.

Omm l-attrici tirrileva illi l-intimat dejjem kellu certu arroganza fl-attegjament tieghu maghhom. Illi fir-rigward tal-manteniment, minkejja d-digriet tal-Qorti li ordnatu jaghmel dan, xorta mhux qieghed jghaddi manteniment b'mod regolari. Izzid ukoll illi r-religjon li ghandha tipprattika l-minuri dejjem kien suggett kemmxejn jahraq, tant li darba kien qal quddiem ix-xhud li jekk jara lill-minuri trodd tis-salib kien ha jichada milli tkun bintu.

**CR, oht l-attrici xehdet permezz ta' affidavit** ***(vide fol 69 et seq)*** u spjegat illi hi tiftakar lill-attrici u lill-intimat kuntenti flimkien, u l-intimat kien ecitat hafna meta sar jaf li ser ikollhom tarbija. Ix-xhud tixhed illi dak iz-zmien hija kienet sid ta' kazin u ghal din ir-raguni ma tantx kienet tkun id-dar. Illi pero lill-intimat ma kienux jarawh wisq id-dar ghaliex kien jitlaq kmieni filghodu ghax-xoghol u jidhol lura tard bil-lejl. Meta kien ikun id-dar ghal hin tal-ikel, ma kienx jiekol maghhom u kien jistenna sakemm huma kollha kienu jkunu telghu lura fil-kmamar taghhom.

Ix-xhud tiftakar lill-ohtha tiggieled mal-intimat fuq il-flus u dana peress li l-intimat qatt ma kien jikkontribwixxi xejn, mentri ghalih kien jixtri hwejjeg tad-ditta. Ix-xhud tishaq illi hija dan tafu ghaliex it-tabelli ta' mal-hwejjeg minflok jarmihom kien ihallihom warajh fil-kamra tal-banju wara li jkun qattahom minn mal-hwejjeg. Tispjega illi l-intimat kien ragel possessiv fuq l-attrici, u meta kienu jmorru l-kazin flimkien, kif kien jara lill-attrici titkellem ma' xi haddiehor kien jiehu ghalih. Illi ghalkemm lill-ohtha kien jighdilha li ma kienx jixrob, ghaliex hija kontra r-religjon

tieghu, ta' spiss tiftakru jmur il-kazin u jixrob il-*whiskey* u dana apparti l-fatt kien isib il-flus sabiex johrog ta spiss ma shabu.

Ghalkemm tishaq illi ommha ghamlet hafna mieghu, hu u ommha gieli spiccaw jiggieldu, l-aktar fuq ir-religjon. Okkazzjoni minnhom l-intimat beda jghajjar l-ommha li hi ma taghmel xejn mieghu, u kienet intervjeniet ix-xhud ghaliex ma felhitx tisma dan il-kliem. Isemmi ukoll li kienu jmorru xi nies ifittxuh id-dar ghal flus. Ghalkemm quddiem il-bqija tal-familja kien jaghmilha tal-kwiet u tal-qaddis, ta' spiss kienu jisimighu glied u ghajjat hekk kif hu u ohtha kienu jitilghu fil-kamra taghhom, tant li gieli telaq il-barra mid-dar u kien imur lura tard filghaxija. Ghalkemm dejjem ghex maghhom, lill-ohtha qatt ma ghaddileha manteniment u ghalkemm jidher li hemm forma ta' ftehim, ta' spiss ma jaghtiex l-ammonti dovuti. Meta ma baqghux flimkien, l-intimat kien imur jara lill-bintu sporadikament u dan l-ahhar qieghed bhal donnu jixtriha bl-oggetti.

Rigward il-mara tal-intimat, tispjega illi din bdiet tippretendi li l-intimat m'ghandux jibqa jkellem lill-ohtha u darba minnhom anke inqala glied kbir tant li l-mara tal-intimat marret thabbtilhom il-bieb u kienet ix-xhud li nizlet tkellima, ghalkemm is-sitwazzjoni issa kkalmat. Tixhed ukoll illi ohtha u l-intimat kienu jiggieldu hafna fuq ir-religjon u dana peress li l-intimat ma xtaqx li l-minuri tkun kattolika. Fiflatt tispjega illi darba minnhom il-minuri kienet qaltilha li *" d-daddy ma jhobbx is-salib"* u l-intimat anke gieli qal li jekk it-tifla trod is-salib hu jichad li hi t-tifla tieghu.

**MR ir-ragel ta' oht l-attrici C, xehed permezz ta' affidavit *(vide fol 71 et seq)*** u jispjega illi hu qatt ma zviluppa relazzjoni mal-intimat u li bhala bniedem qatt ma tant thajjar li jsir jafu sew. Filfatt sakemm kienu jghixu taht l-istess saqaf kien ikun irrid jevitah. Izid illi hafna mill-hin l-intimat ma kienx ikun id-dar u li meta hu u l-attrici kienu jkunu flimkien, ta spiss kienu jispiccaw jiggieldu. Bhala karattru, l-intimat huwa dak it-tip ta' bniedem li jghidu hu biss huwa tajjeb u din il-karatteristika taghmlu persuna difficli hafna biex tiftiehem mieghu. Ta' sikwiet kien jisma lill-attrici tilmenta illi l-intimat ma kienx jaghtiha mateniment jew kien ikun inkonsistenti hafna b'dana illi dejjem kien ikollha tixtri u tipprovdi ghal kollox hi, kemm ghalihom u kif ukoll ghat-tfal.

Izid illi l-attrici kienet tinkwieta hafna ghaliex apparti li ma kienitx tkun taf fejn mar l-intimat, f'kaz li kien jinqala xi haga ma kienx ikollha ebda mod kif taghmel kuntatt mieghu ghaliex spiss ma kienx jirrispondi. Meta ma baqghux flimkien, bdiet il-problema tal-access, u spiss l-intimat ma kienx jigi fil-hin miftiehem u kien jispicca jigi tard jew igib lit-tifla lura tard.

Ix-xhud jishaq illi omm l-attrici ghamlet hafna mal-intimat, anke meta kien ghamel zmien il-habs, kienet baqghet tmur tarah regolarment u anke ghenitu biex johrog mill-habs u provdietlu post fejn jghix. Huma kienu jghixu taht is-saqaf taghha u kienet thalsilhom l-kontijiet tad-dawl u l-ilma hi ukoll u ghalhekk timmerita rispett kbir minn ghandhom. Il-fatt li l-intimat ma wriex il-gratitudni li kien haqqha tirrifletti pjuttost negattiv fuq il-karattur tal-intimat.

**L-attrici, ri-prodotta nhar id-19 ta' Frar 2020** ***(vide fol 78 et seq)*** spjegat illi minn meta inghata d-digriet tal-manteniment, l-intimat kien ta manteniment sa Awissu 2019 izda minn Settembru sa Frar ma kien hallas xejn. L-ammont huwa ta' tlett mija fix-xahar u kkonfermat in-nota esebita minnha in atti. Tirrileva illi apparti dawk l-ispejjes hemm spejjes ohra li gew indikati fl-ircevuti immarkati bhala MLB1-MLB10. Rigward l-access hekk kif degretat minn din il-Qorti fid-digriet taghha, ix-xhud tikkonferma illi l-intimat imur ghal minuri meta u fix-xhin ifettilhu, u imbaghad jispicca jgibha tard ghat-tmienja ta' filghaxija. Minkejja li ma kienx qieghed jghaddi manteniment bejn Settembru u Dicembru, hi xorta baqghet taghtih lit-tifla ghall-access u meta talbitu l-manteniment, kien jghidilha li ser jaghtihomla imma qatt ma ghadda xejn.

**SM222 John Mary Camilleri stazzjonat l-ufficju tal-kondotti xehed nhar id- 19 ta' Frar 2020** u prezenta dokumenti JC1, JC2 u JC3.

**WPC 99 Josette Pace xehdet nhar il-25 ta'Jannar 2021** ***(vide fol 169 et seq*)** u prezentat sensiela ta' rapporti maghmula mill-attrici liema rapport huma mmarkati bhala DOK JP1 sa JP10 kontra l-intimat.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza rigward il-kura u kustodja tal-wild minuri tal-partijiet, SZB li twieldet f'Y, u llum ghandha circa Y snin. Illi filwaqt li mill-atti jirrizulta illi l-partijiet ghamlu perjodu ta' konvivenza, ormai r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat. Illi l-minuri qieghda tirrisjedi mal-attrici omm. L-attrici qieghda titlob illi hija tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri, filwaqt li l-intimat joggezzjona ghal tali talba u anke intavola kontro-talba fejn qieghed jitlob illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tibqa' wahda kongunta.

**Il-kura u kustodja tal-minuri:**

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija ggwidata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal, u l-aqwa' utilita u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa filmaterja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din ixxorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri flisfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Skont is-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CD*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Frar 2018 gie ritenut illi:

> ***Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha lokkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.***

Il-Qorti taghraf illi f'cirkostanzi normali, iz-zewg genituri ghandhom rwol importanti fil-hajja u fit-trobbija ta' uliedhom, u ghalhekk l-ebda wiehed mill-genituri m'ghandhu jigi eskluz mit-trobbija tal-ulied sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji li jwasslu lil Qorti li tiehu mizura daqshekk drastika. Izda kif inghad, f'din il-materja il-Qorti tigi gwidata mill-ahjar interessi tal-minuri, u ghalhekk il-Qorti ghandha tezamina, jekk fic-cirkostanzi, huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi xi hadd mill-genituri ghandu jigi zvestit mill-awtorita' ta' genitur.

Il-Qorti rat illi l-avukati difensuri li kienu jippatrocinaw lill-intimat fil-proceduri odjerni rrinunzjaw ghall-patrocinju tal-istess permezz ta' nota datata 23 t'Ottubru 2020. Illi fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2020, l-intimat naqas mill-jidher, kif naqas li jaghmel ghas-seduti sussegwenti l-ohra kollha. Illi filfatt fl-udjenza tad- 9 ta'Gunju 2021 din il-Qorti halliet il-kawza ghall-provi tal-intimat ghall-ewwel darba, u kien biss fl-20 ta' Ottubru 2021, wara n-nuqqas ripetut ta'attendenza

da parti tal-intimat li qatt ma rega' ngagga avukat iehor wara r-rinunzja tal-avukati difensuri Dr Borg u Dr Cricchiola li l-Qorti ddikjarat maghluqa l-istadju tal-provi tal-intimat u halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghall-15 ta' Novembru 2021. Illi wkoll, in forza tal-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Novembru 2021, l-intimat gie akkordat ghaxart ijiem zmien sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet. Illi pero' mill-atti jidher li l-intimat baqa inadempjenti.

Illi in vista ta' dan kollu, din il-Qorti, essenzjalment ghandha biss quddiemha dawk il-provi prodotti mill-attrici, ghajr ghal testimonjanza wahda tal-intimat fl-atti tar-rikors 223/2018/2 li kien jirrigwarda rikors *pendente lite* intavolat mill-attrici dwar il-kura u l-kustodja u mateniment, liema rikors kien gie degretat minn din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet *seduta stante* fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2019.

Mill-provi in atti jidher bic-car illi l-prioritajiet tal-intimat huwa ben altru minn dak li li jkun genitur tajjeb ghall-bintu. Illi minkejja li l-intimat addirittura ntavola kontro-talba, id-disinteress totali da parti tieghu lejn l-andament ta' dawn il-proceduri huwa wiehed lampanti. Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-intimat huwa persuna inaffidabbli u irresponsabbli, u dana kif johrog b'mod car mix-xhieda tal-attrici u dik ta' ommha, ohtha u r-ragel t'ohtha, liema xhieda huma inkontradetti. Illi din il-Qorti tqis illi dawna l-karatteristici xi ftit jew wisq huma effettivament ravvizati fil-mancanza ta' attendenza tal-intimat ghal maggior parti tal-proceduri, tant li wara r-rinunzja tal-avukati li kienu qeghdin jippatrocinawh fil-bidu tal-proceduri, huwa ma regax ingagga avukat iehor biex jassistih nonostante l-fatt illi l-kawza si tratta tat-tifla tieghu stess.

Illi din l-inaffidabilita' u nuqqas ta' responsabbilita' jirrispekkjaw ruhhom ukoll fl-inkosistenza tal-intimat fejn jidhol l-access u hin ma' bint il-partijiet, b'dana illi kien jigbor lill-minuri ripetutament tard, filwaqt li jhalli lill-istess minuri tistenih ghal sighat twal. Illi tul dan il-ftit kien li kien ikollu a dispozizzjoni ma' bintu, l-intimat kien jaghzel li jiehu lill-bintu ma' shabu irgiel u aktar tard ma' martu. Illi a propozitu, din il-Qort rat kif in-nuqqas da parti tal-intimat li jezercita access ma' bintu ghal gimghat shah, hallha impatt negattiv fuq il-minuri, tant li l-minuri kellha bzonn tigi segwita minn psikologa. (*Vide Dok MLBX a fol 115 tal-process)* Illi din il-Qorti taghmilha cara illi genitur m'ghandu qatt jaghmel tajjeb jew jikkumpensa ghal tali nuqqasijiet billi "jixtri" lill-uliedu b'gugarelli jew oggetti ohra materjali, bl-ghan li jaljena lill-minuri.

Il-Qorti rat ukoll illi la tul il-konvivenza mal-attrici, u lanqas wara l-pronunzjament tad-digriet *pendente lite* ta' din il-Qorti, l-intimat ftit li xejn ikkontribwixxa ghat-trobbija jew ghal manteniment ta' bintu u dana kif anke jirrizulta mir-rapporti li l-attrici intavolat tul iz-zmien mal-

Pulizija (vide inter alia *doks a fol 95-110.)* Ciononostante, din il-Qorti rat ukoll kif minkejja l-imgieba hazina tal-intimat, kienu l-attrici u ommha li prattikament hallsu ghal ghejxin tal-intimat ghal numru konsiderevoli ta' snin senza interessi, tant li kienu ta' sapport morali u materjali anke minn ***qabel*** ma twieldet il-minuri, tul il-perjodu li huwa kien inkarcerat u addiritura kienu huma li provdewlu saqaf fuq rasu hekk kif hareg mill-habs.

Illi skont l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili:

> ***"B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel."***

Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm, li ghandha wahidha minghajr l-firma, kunsens jew presenza tal-intimat missier, tiehu d-decizjonijiet ordinarji jew straordinarji kollha fir-rigward tal-minuri SZB ghal dak kollu li jirrigwarda l-edukazzjoni, s-sahha, is-safar u l-passaport tal-minuri u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri.

Illi fir-rigward ta' access favur l-intimat versu l-minuri din il-Qorti tqis illi fic-cikorstanzi hija m'ghandhiex ghalfejn tiddipartixxi minn dak precedentement degretat minnha permezz tad-digriet taghha tal-31 ta' Jannar 2019, u tordna illi l-intimat ghandu jkollu access versu l-minuri SZBkull nhar ta' Gimgha mill-4:00pm sas-6:00pm, b'dana illi ghandu jigbor lill-minuri mir-residenza tal-attrici u jirritorna lill-istess minuri fir-residenza ta' ommha fi tmiem l-access.

Di piu', l-access tal-missier ghall-minuri fil-Festi Pubblici ghandu jkun b'mod alternat, filwaqt li f'Jum l-Omm u f'gheluq snin l-omm, il-minuri ghandha tkun mal-omm u f' Jum il-Missier u f'gheluq snin il-missier, il-minuri ghandha tkun mal-missier, mill-11.00am sat-3.00pm. F'gheluq snin il-minuri, ghandu jkun hemm access alternat, b'dana li l-ewwel sena, l-access tal-omm ghandu jkun mill-11:00am sal-17:00pm u fis-sena sussegwenti, l-access tal-omm ghall-minuri ghandu jkun mill-17:00pm u 20:00pm, u dan l-access jibqa' jsehh b'mod alternat, kif indikat.

**Manteniment:**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-ġenituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont ilbżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew ilpensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din ilpersuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***
>
> ***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom."***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

> ***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mirresponsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu lintrojtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Il-Qorti rat illi kif ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Mejju 2015, liema ragunament kien gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016:

> ***"Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul."***

Din il-Qorti taghraf ukoll illi t-trobbija tal-ulied mill-genitur li mieghu jew maghha jirrisjedu diga giet rikonoxxuta mill-Qrati Maltin bhala kontribut versu l-manteniment dovut ghalihom skont il-ligi. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza millQorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, loneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghal-manteniment taghhom."***

Il-Qorti taghraf illi l-inaffidabilita' tal-intimat wasslet lir-rikorrenti trabbi lil minuri prattikament wahedha. Ghalhekk l-oneru tat-trobbija tat-tifla waqa' kollu fuq spallejn ir-rikorrenti. Il-Qorti tqis ghalhekk, fid-dawl tal-gurisprudenza citata, l-fatt illi r-rikorrenti kienet kostretta trabbi lil bint il-partijiet wahedha illimita l-kapacita taghha li tiggenera introjtu akbar minn dak li ghandha fil-prezent, izda wkoll taghraf illi hija qed taghmel kontribut non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-minuri. Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-intimat.

Illi mill-atti jidher li l-attrici tahdem bhala salesgirl ma' Darmanin Footwear u ghandha introjtu ta' circa €920-€1000 net fix-xahar. Rigward il-bzonnijiet tal-minuri, il-Qorti rat illi r-rikorrenti prezentat prospett tal-ispejjez illi hija tinkorri fil-konfront tal-minuri, liema spejjes jammontaw ghal circa €542.73 fix-xahar, liema ammont jeskludi medicini, uniformijiet u spejjez edukattivi. Il-Qorti rat illi l-ammonti indikati mill-attrici huma ammonti ragonevoli ghall-ahhar. Din il-Qorti rat ukoll fid-digriet taghha tal-31 ta' Jannar 2019 kienet illikwidat is-somma ta' €300 bhala manteniment fix-xahar.

Illi f'dana l-istadju u fir-rigward tal-ispejjez edukattivi, extra-kurrikurali u medici, il-Qorti tqis illi in vista tas-sitwazzjoni tal-partijiet, ikun aktar ghaqli li sehem tal-intimat minn dan l-ispejjez ikun pre-likwidat, u dan sabiex titnaqqas il-htiega ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet. In vista ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi l-manteniment mensili li ghandu jkun pagabbli mill-intimat ghall-bzonnijiet ta' bintu ghandu jkun fl-ammont ta' erba' mija u hamsin ewro (€450), liema ammont jinkludi sehem tal-intimat mill-ispejjez edukattivi, extra-kurrikurali u medici.

Illi di piu' din il-Qorti tordna lill-intimat ihallas is-somma ta' €8,400 rapprezentanti arretrati ta' manteniment minn Settembru 2019 sa Dicembru 2021, oltre s-somma ta' €210.34 rapprezentanti spejjes inkorsi mill-attrici ghall-minuri hekk kif indikati fid-dokumenti Dok MLB2 a fol 11-113, Dok KB2 a fol 165-166 u Dok ABX2 a fol 181-184 tal-atti.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u t-talbiet tal-istess hekk kif dedotti fil-kontro-talba tal-istess intimat:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici hekk kif dedotta fir-rikors guramentat taghha u tordna illi r-rikorrenti omm ghandha tkun fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri SZB, b'dana illi l-attrici hija awtorizzata tiehu dawk id-decisjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, u cioe kemm dawk ta' natura ordinarja u kif ukoll dawk ta' natura straordinarja inkluz izda mhux limitatament ghal dawk relatati ma' edukazzjoni, sahha, attivitajiet extra-kurrikulari, safar, attivitajiet edukattivi ohra u decisjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, u dana minghajr il-htiega tal-firma, kunsens jew presenza tal-intimat missier;**

2. **Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna illi l-intimat ihallas is-somma ta' €450 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri bint il-partijiet, liema manteniment ghandu jigi versat lill-attrici f'kont bankarju indikat mill-istess attrici kull l-ewwel tax-xahar, u liema ammont jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes relatati mal-edukazzjoni u sahha tal-minuri. Il-Qorti tordna illi l-manteniment dovut mill-intimat ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u ghandu jibqa jithallas sakemm l-istess minuri taghlaq it-tmintax- il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi full-time jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bazi full-time. Il-Qorti tordna ukoll illi l-attrici ghandha tibqa' tippercepixxi c-*children's allowance* relattiva ghall-minuri bint il-partijiet.**

3. **Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna illi l-imsemmi manteniment flimkien ma' sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni, jitnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista' jkollu jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien.**

4. **Tilqa' ir-raba talba attrici u tordna lill-intimat ihallas is-somma ta' €8,400 rapprezentenati arretrati ta' manteniment dovuti ghall-perjodu ta' Settembru 2019 sa Dicembru 2021, oltre €210.34 rapprezentanti sehem l-intimat minn spejjez ta' sahha u edukazzjoni inkorsi ghall-minuri mill-attrici;**

5. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici stante li din hija ormai sorvolata in vista ta' dak li gie deciz minn din il-Qorti fl-ewwel paragrafu ta' din id-decide.**

**Bl-ispejjes kollha ghandhom jithallasu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**